REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1957

tas-26 ta' Ottubru 2017

li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji tal-Unjoni għal ċertu ħut u prodotti tas-sajd li joriġinaw fil-Kosovo (*)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2017/355 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Frar 2017 dwar ċerti proċeduri għall-applikazzjoni tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u l-Kosovo (*) min-naħa l-oħra ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 2 tiegħu,

Billi:

(1) Il-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa, u l-Kosovo (*), min-naħa l-oħra ([2]), ("l-FSA") ġie ffirmat fis-27 ta' Ottubru 2015 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' April 2016.

(2) L-Artikolu 31 tal-FSA u l-Anness IV tal-FSA jistabbilixxu l-arranġamenti applikabbli għall-importazzjoni fl-Unjoni ta' ħut u prodotti tas-sajd. Skont dawk id-dispożizzjonijiet, l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' troti u karpjun komuni li joriġinaw fil-Kosovo fil-qafas ta' ċerti kwoti tariffarji għandhom jibbenefikaw minn eżenzjonijiet minn dazji doganali.

(3) Biex jiġu implimentati d-dispożizzjonijiet tal-FSA dwar ħut u prodotti tas-sajd, jenħtieġ li jinfetħu u jiġu amministrati l-kwoti tariffarji annwali għat-troti u għall-karpjun komuni għas-sena 2016 u s-snin ta' wara.

(4) Il-kwoti tariffarji jenħtieġ li jiġu ġestiti mill-Kummissjoni abbażi tal-ordni kronoloġika tad-dati ta' aċċettazzjoni tad-dikjarazzjonijiet doganali għar-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 ([3]).

(5) Il-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament jenħtieġ li japplikaw mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-FSA. Għalhekk, dan ir-Regolament jenħtieġ li jidħol fis-seħħ b'urġenza.

(6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-kwoti tariffarji tal-Unjoni huma miftuħa għal ħut u prodotti tas-sajd li joriġinaw mill-Kosovo kif stabbilit fl-Anness.

Artikolu 2

Il-kwoti tariffarji msemmija fl-Artikolu 1 għandhom ikunu amministrati mill-Kummissjoni skont l-Artikoli 49 sa 54 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447.

(*) Din id-dežinjazzjoni hi mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u hi konformi mal-UNSCR 1244/1999 u mal-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

([1]) ĠU L 57, 3.3.2017, p. 59.

([2]) ĠU L 71, 16.3.2016, p. 3.

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 558).

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' April 2016.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Ottubru 2017.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNESS

Minkejja r-regoli għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, il-formulazzjoni tal-kliem tad-deskrizzjoni tal-prodotti għandha titqies bħala li m'għandha xejn aktar ħlief valur indikattiv, u l-kamp ta' applikazzjoni tal-iskema preferenzjali, fil-kuntest ta' dan l-Anness, hija ddeterminata mill-kodiċijiet NM. Fejn jiġu indikati "ex" kodiċijiet NM, il-kamp ta' applikazzjoni tal-iskema preferenzjali għandu jiġi ddeterminat mill-kodiċi NM u d-deskrizzjoni korrispondenti meħuda flimkien.

Ħut u prodotti tas-sajd

Numru tal-ordni	Kodiċi NM	Sottodiviżjonijiet TARIC	Deskrizzjoni	Volum ta' Kwota Tariffarja annwali (f'tunnellati piż nett)	Rata ta' dazju ta' kwota
09.1506	0301 91		Trota (*Salmo trutta, Oncorhynchus mykiss, Oncorhynchus clarki, Oncorhynchus aguabonita, Oncorhynchus gilae, Oncorhynchus apache* u *Oncorhynchus chrysogaster*): ħajja; friska jew imkessħa; iffriżata; imnixxfa, immellħa jew fis-salmura, iffumikata; fletti u laħmet il-ħut ieħor; dqiqijiet, dqiqijiet għall-ikel u gerbub, tajbin għall-konsum mill-bniedem	Mill-1.4.2016 sal-31.12.2016: 15 Għas-snin li ġejjin — mill-1.1 sal-31.12: 15	0 %
	0302 11				
	0303 14				
	0304 42				
	0304 52 00	10			
	0304 82				
	0304 99 21	11, 12, 20			
	0305 10 00	10			
	0305 39 90	10			
	0305 43 00				
	0305 59 85	61			
	0305 69 80	61			
09.1508	0301 93 00		Carpjun komuni (*Cyprinus* spp., *Carassius* spp., *Ctenopharyngodon idellus, Hypophthalmichthys* spp., *Cirrhinus* spp., *Mylopharyngodon piceus, Catla catla, Labeo* spp., *Osteochilus hasselti, Leptobarbus hoeveni, Megalobrama* spp.): ħaj; frisk jew imkessaħ; iffriżat; imnixxef, immellaħ jew fis-salmura, iffumikat; fletti u laħmet il-ħut ieħor; dqiqijiet, dqiqijiet għall-ikel u gerbub, tajbin għall-konsum mill-bniedem	Mill-1.4.2016 sal-31.12.2016: 20 Għas-snin li ġejjin — mill-1.1. sal-31.12: 20	0 %
	0302 73 00				
	0303 25 00				
	0304 39 00	20			
	0304 51 00	10			
	0304 69 00	20			
	0304 93 90	10			
	0305 10 00	20			
	0305 31 00	10			
	0305 44 90	10			
	0305 52 00	10			
	0305 64 00	10			